MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 285/2015

**Mobisle Communications Limited**

**(C24655)**

**vs**

**Rita Spiteri**

**(K.I. 526565M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 16 t'April, 2015 fejn is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u erbgha u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2,034.75c) in kwantu ghall-elf hames mija u sebgha u erbghin Ewro u tlett centezmi (€1547.03c)

in konnessjoni ma' 99902305 (AC40223363) u erba' mija u sebgha u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€487.72) in konnessjoni ma' 79336009 (AC40224335).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni ma' Ittra Ufficjali 742/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 t'April, 2014 data tal-imsemmija Ittra Ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A1 u A2 – Prospetti

Dok B1 u B2 – Kuntratti

Dok C – Ittra Ufficjali 742/14

Dok D – Estratt Registru Elettorali

Rat il-verbal tal- 01 ta' Gunju, 2015 fejn il-konvenuta ammettiet il-kreditu pretiz mis-Socjeta' attrici u li llum s-somma ta' elfejn u erbgha u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2,034.75c) u ddikjarat li lesta li thallas l-ammont dovut permezz ta' pagamenti t'ammonti ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar sakemm jinqata` l-ammont totali. Ra li Dr. Keith Grech ghas-socjeta' attrici ma opponix ghal din it-talba u ddikjara li kien qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Ra l-verbal li permezz tieghu din it-talba giet differita ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn u erbgha u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2,034.75c) bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-Sentenza sal-pagament effettiv. It-Tribunal qed jara l-verbal ta' nhar l-01 ta' Gunju, 2015 u qed jirrakkomanda lis-Socjeta' attrici sabiex taghti l-opportunita lill-konvenuta li thallas l-ammont dovut minnha permezz ta' pagamenti t'ammonti ta' mitt Ewro (€100) fix-xahar sakemm jinqata` l-ammont totali dovut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------